# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 270/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Pace**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, Carmel Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 67862M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Jannar 2016 f'dawn il-Gzejjer, naqas li jaghti lil Anna Calleja, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2016 li biha sabet lill-appellant tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Pace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant ressaq zewg aggravji dwar is-sentenza appellata izda fl-udjenza tal-lum huwa irtira l-ewwel aggravju tiehu u b'hekk jonqos biss li jkun kunsidrat it-tieni gravami, dak rigwardanti l-piena kominata mill-ewwel Qorti;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, tajjeb li jinghad illi quddiem din il-Qorti, l-kwerelanta xehedet illi l-appellant issalda d-

debitu tieghu u dan ser ikun mehud in konsiderazzjoni anke jekk il-pagament, in ottemperament tal-obbligi tieghu, sar seduta stante;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-appellant ghat-tahsir, revoka u annullament tas-sentenza appellata, tilqa' t-tieni talba u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.